MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2012

Numru. 1044/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**vs**

**EUGENE AGIUS**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Eugene Agius bin Joseph u Josephine nee' Mintoff imwieled fid-09/10/1959 u joqghod 1, 'St. George', Triq iz-Zonqor, Santa Venera ID. 669159(M) gie akkuzat talli fit-28/07/2012, ghall-habta tal-15:50hrs gewwa Triq Wesghet il-Vittmi tal-Gwerra, Luqa:

**1.** Waqt li kien qed isuq il-vettura nru. JQZ-248 naqas li jnaqqas l-ispeed u jieqaf u jaghti d-dritta lic-ciklista Joseph Borg Falzon li kien ghaddej minn Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, Luqa, kif hemm indikat b'sinjal tat-traffiku 'Give Way'.

**2.** U aktar meta b'nuqqas ta hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament tajjar w ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Borg Falzon skond kif iccertifika Dr. Stephanie Frendo M.D. Reg. 3223 mill-Paola H. C.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti li hu jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien lil-Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.
Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat ir-Regolament 2 tal-A.L. 94 ta’ l-1969 u l-artikoli 17 u 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Eugene Agius, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkwantu ghall-ewwel (1) akkuza tikkundanna lill-imsemmi imputat Eugene Agius ghall-piena ta’ hamsin Ewro (Ewro 50) ammenda u nkwantu ghat-tieni (2) akkuza wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-istess imputat Eugene Agius ghall-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’

prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) millum l-imputat Eugene Agius jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Eugene Agius milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Eugene Agius l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza flimkien mal-atti kollha ta’ dan il-Procediment jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------